MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 248/1999/2

**Charles Michael Gauci**

**vs**

**Alfred Vella f'ismu proprju u ghan-nom tax-Xemxija Hotels Limited u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mary Vella u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2001 Vincent Zahra gie ammess jintervjeni "in statu et terminis".**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. B'citazzjoni l-attur talab lill-Qorti Civili Prim Awla biex tordna fi zmien qasir u perentorju l-izgumbrament ta' l-esponent proprio et nomine mill-kumpless kollu "Ix-Xemxija" maghruf bhala 'Redoubt' u/jew 'Natasha' f'San Pawl il-Bahar; u tordnalu jikkonsenjalu fl-istess zmien ic-cwievet kollha ta' l-imsemmi fond.

L-appellanti konvenuti ikkontestaw din il-kawza.

**IS-SENTENZA TAL-PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI**

2. B'sentenza tal-31 ta' Mejju, 2000, il-Qorti Civili Prim Awla ddecidiet il-kawza billi prevja li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talba attrici u ordnat lill-esponent jizgombra fi zmien hmistax improrogabbli mill-kumpless kollu 'Ix-Xemxija' maghruf bhala 'Redoubt' u/jew 'Natasha' f'San Pawl il-Bahar. Ordnat ukoll lill-konvenut proprio et nomine jikkonsenja fl-istess zmien ic-cwievet kollha ta' l-imsemmi fond, bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-APPELL TAL-KONVENUT PROPRIO ET NOMINE U S-SENTENZA TAL-QORTI TA' L-APPELL**

3.1 Il-konvenuti proprio et nomine appellaw mill-precitata sentenza.

3.2 B'senteza ta' l-14 ta' Jannar, 2002, din il-Qorti cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti. Ghall-fini ta' l-izgumbrament hija ddegretat li t-terminu ta' hmistax stabbilit mill-Ewwel Qorti kellu jibda jiddekorri mill-15 ta' Jannar, 2002.

**TALBA GHAL RITRATTAZZJONI**

4. Il-konvenut proprio et nomine intavola rikors ta' ritrattazzjoni mis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell.

Illi l-kapi tas-sentenza li r-ritrattand irid jattakka a tenur ta' l-Artikolu 816 tal-Kap. 12 huma s-segwenti:

(a) Liema ligi ghandha tiggverna l-kaz prezenti.

(b) Il-kaz odjern m'ghandux jigi ggvernat bl-istitut tal-mandat.

(c) L-esponent mhuwiex substitute, izda amministratur generali 'sui generis' in kwantu jiggestixxi n-negozju 'per conto suo' u mhux 'per conto del principale'.

(d) L-esponent ma kienx qed jagixxi ghan-nom u fl-interess ta' Paul David Gauci ghaliex in-negozju kien ta' l-esponent.

Illi r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni huma s-segwenti:
(a) Billi s-sentenza applikat il-ligi hazin b'dan illi d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma kienitx skond il-ligi; - art. 811 (e)

(b) Billi fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin; - art. 811(i)

(c) Billi s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza b'dan illi d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu hi bla dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu hi stabbilta pozittivament – art. 811 (l)

Ir-ritrattand jispjega l-fatti li minnhom, skond hu, tirrizulta kull wahda minn dawn ir-ragunijiet u, fil-kawza ta' l-ewwel raguni, isemmi l-ligi li kien imissiha giet applikata:
(I) Is-sentenza attakkata ghandha disposizzjonijiet konfliggenti ghaliex filwaqt li kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti dwar l-applikazzjoni ta' l-istitut tal-mandat ghal kaz odjern, qatt ma waslet biex qalet li n-negozju li kien qed jitmexxa mill-esponent kien jappartjeni lil Paul David Gauci jew fl-interess ta' l-istess Gauci – u ghalhekk is-sentenza attakkata hija kontradittorja.

(II) L-applikabilita` tal-ftehim tat-2 ta' Jannar, 1993. Il-fatt li f'din l-iskrittura ma hemm l-ebda riferenza ghall-iskritturi precedenti jfisser li huma riedu jirregolaw ir-relazzjoni ta'

bejniethom b'dik l-iskrittura biss, u mhux li huma kienu qeghdin ihallu fis-sehh iz-zewg skritturi precedenti li l-partijiet ma ghamlu l-ebda riferenza ghalihom.

(III) Isegwi mid-decizjoni attakkata li Paul David Gauci kiser l-kundizzjonijiet tal-kuntratt li kien hemm bejnu u l-Lands Department meta ghamel il-ftehim ma' l-esponent u meta beda jircievi korrispettiv ta' Lm1,500 fis-sena minghand l-esponent, u mhux li osservah.

(IV) Illi n-negozju li kien qed jiggestixxi l-esponent Alfred Vella gewwa n-'Natasha' kien in-negozju tieghu biss u ghalih biss. Ghalhekk, l-istitut tal-mandat huwa eskluz.

(V) Illi Paul David Gauci ma kienx qed jippartecipa fil-qliegh ta' r-ritrattand u ma kien jippartecipa bl-ebda mod fit-telf ta' l-esponent fit-tmexxija tan-'Natasha'. Ghalhekk ukoll, l-istitut tal-mandat huwa eskluz. Il-ligi li kellha tigi applikata kienet l-istitut ta' l-"Obbligazzjonijiet" fil-Kodici Civili sa fejn dawn japplikaw ghal 'operations agreement'. Ghalhekk is-sentenza applikat il-ligi hazin.

(VI) Id-distinzjoni bejn 'substitute' u hatra b'mod irrevokabbli bhala amministratur generali b'setghat generali, hija netta u mhux "qabza ta' kwalita` fix-xorta ta' relazzjoni kummercjali bejn il-kontentendi". Id-differenza mit-tieni ghat-tielet skritturi ma tindikax "stadju differenti fl-izvilupp tal-konnessjoni bejn il-kontendenti fir-rigward ta' l-attivita` tat-tmexxija tan-negozju", izda tirraprezenta differenza netta u ta' sostanza. L-esponent ghandu 'operations agreement', bl-ebda mod relatat ma' l-istitut tal-Mandat kontemplat fl-Artikolu 1886 tal-Kodici Civili. Ir-regola li l-hatra ta' amministratur generali kienet u setghet biss torbot lill-mandant 'vita durante' u ma setghetx torbot lis-successuri tieghu bit-titolu, treggi biss kemm-il darba l-kaz jigi ggvernat mill-istitut tal-mandat. L-esponent jghid li l-istitut tal-mandat huwa eskluz stante li l-esponent kellu 'a free hand' fin-negozju, anzi, in-negozju kien ta' l-esponent. Dwar 'operations agreement' wiehed jista' jara s-sentenza Jude Thaddeus Cassar vs. Tabone moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Gunju, 1999.

(VII) 'Substitute' huwa mandatarju, ghaliex jagixxi '*per conto suo principale*'. L-esponent kien qed jiggestixxi n-negozju '*per conto suo*', rebh jew telf ghalih (N.B. Paul David Gauci kienet hareg bil-pensjoni). L-espressjoni 'make over the lease' uzata fil-klawzola 16 (a fol. 27 tal-process) fil-kuntratt mal-Lands Department tapplika ghas-sitwazzjoni prezenti. L-esponent ma kellux sullokazzjoni, izda kien qed jinnegozzja '*per conto suo*', u Paul David Gauci kien biss il-fronti li baqa' jidher mal-Lands Department biex ma jidhirx il-ksur tal-kundizzjoni tal-kuntratt bejn Paul David Gauci u l-Lands Department. Is-sentenza attakkata, minflok ma gharfet din ir-realta`, waslet biex tikkonkludi illi "ma kienx ikollu n-nomina ta' substitute minghand il-licencee, u din kienet tpoggih f'sitwazzjoni ta' irregolarita` ma' l-awtoritajiet (in)kompetenti, jekk mhux fl-impossibilita` li jiggestixxi n-negozju" – mentri l-verita` kienet li kien hemm ksur tal-ftehim li Gauci kellu mal-Lands Department. Dan gie koncess fl-ahhar tas-sentenza fejn jinghad: "minhabba l-fatt li l-appellat kien il-kerrej u licencee b'divjiet espress ta' sullokazzjoni tan-negozju, kif ukoll ghaliex in-negozju kien gestit f'fond proprjeta` tal-Gvern."

(VIII) Kieku mit-tieni ghat-tielet skrittura kien hemm biss "qabza ta' kwalita`", ma kienx ikun hemm il-htiega li ssir it-tielet skrittura, ghaliex it-tieni skrittura kienet cara bizzejjed dwar il-posizzjoni ta' l-esponent, dakinhar, bhala substitute. X'kien hemm ghalfejn issir it-tielet skrittura privata, li fiha ma tissemmiex l-iskrittura privata precedenti? Barra minn hekk, jekk fl-ewwel skrittura tal-15 ta' Settembru, 1982, l-esponent kien semplici impjegat ta' Paul David Gauci u "ma hemm xejn … illi jista' jitfisser li l-iskritturi precedenti kienu qeghdin jigu revokati", kif tista' tigi rikonciljata l-posizzjoni ta' allura ta' l-esponent bhala impjegat mal-posizzjoni prezenti ta' l-esponent bhala 'amministratur generali' irrevokabilment b'setghat generali? Allura jigi li l-esponent huwa *impjegat/amministratur generali* fl-istess hin, ladarba l-kitbiet privati precedenti ma gewx imhassra! L-Inglizi ghandhom kelma ghal din is-sitwazzjoni …… hotchpotch! Ghalhekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti u fiha disposizzjonijiet kontra xulxin. Ghalhekk hemm

incertezza fil-gudikat tas-sentenza. Inoltre, l-izball huwa manifest u certament iddetermina d-decizjoni u s-sentenza vvizzjata b'dak l-izball ma tistax tigi sanata.

(IX) Fil-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) Titolu IV 'Fuq il-Persuni Awziljari tal-Kummercjanti' jissemmew: l-Instituri (art. 57), Vjaggaturi tal-Kummerc u Impjegati tal-Hwienet (art. 67 u art. 68), l-Agenti tal-Kummerc (art. 70), is-Sensala (Art. 79), il-Kummercjanti Kummissjonati (art. 96). L-esponent ma kien qed jaqdi l-ebda wahda minn dawn il-funzjonijiet fl-interess ta' xi principal. L-esponent kien qed jagixxi '*per conto suo*', rebh jew telf ghalih, in forza ta' 'operations agreement'. Ghalhekk ma gietx applikata l-ligi gusta.

(X) Jekk, jinghad fis-sentenza attakkata, l-esponent hallas "il-korrispettiv annwali ta' Lm1,500 "in advance for the benefit of a free hand in the operation of the business", kif jista' jinghad illi l-esponent qed jiggestixxi n-negozju bhala mandatorju tal-mandant Paul David Gauci? Jekk in-negozju kien qliegh jew telf ghall-esponent, kif qatt jista' jinghad "Il-persuna mahtura bhala amministratur qatt ma tamministra hwejjigha, imma tamministra l-hwejjeg ta' haddiehor"? Kif qatt jista' jkun li l-esponent kien qieghed "dejjem jagixxi f'isem il-mandant Paul David Gauci" meta n-negozju kien jappartjeni eskussivament lill-esponent? Kif setghet is-sentenza tghid illi "l-proprjeta` tan-negozju baqghet tal-mandant" meta n-negozju kien ta' l-esponent u l-mandant kellu biss pagament annwali ta' Lm1,500?

(XI) Meta s-sentenza attakkata qalet "Ma seta' qatt jaspira u jippretendi li hu l-licencee tal-fond li kien fdat biex jamministra li l-kera ghaddiet fuq ismu jew li s-sid, f'dan il-kaz il-Gvern Civili, kellu xi obbligu li jirrikonoxxih" kienet qeghdha tattribwixxi pretensjonijiet lill-esponent li huwa qatt ma ppretenda u li qatt ma ssemmew minnu f'din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-ritrattand proprio et nomine talab li a tenur ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12, is-sentenza ta' l-14 ta' Jannar, 2002, fl-ismijiet premessi fi grad ta' appell tigi mhassra u revokata u l-kawza deciza b'dik is-sentenza tigi

ritrattata ghar-ragunijiet fuq imfissra, jigifieri, (1) billi s-sentenza applikat il-ligi hazin b'dan illi d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma kienitx skond il-ligi; (2) billi fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin; (3) billi s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza b'dan illi d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu hi bla dubju eskuza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu hi stabbilita pozittivament; u li l-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-meritu u li t-talbiet ta' l-attur jigu michuda u l-appell jigi milqugh.

**<u>IR-RISPOSTA TA' CHARLES MICHAEL GAUCI</u>**

5.1 Ir-ritrattat Gauci wiegeb hekk:-

Illi t-talba ta' ritrattazzjoni ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:

(I) Il-procedura ta' ritrattazzjoni hija ta' natura straordinarja u l-provvedimenti ghandhom jinghataw interpretazzjoni ristretta; *"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizazzjoni ta' l-ordni gudizzjarja fl-istruttura taghna hija ta' zewg gradi – Prim Istanza u Appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizgura eccezzjonalissima intizi principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu ssopravenew"* (**Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et,** Appell, deciza fis-26/4/1993 – Vol. LXXVII.276).

(II) Illi mir-rikors promotur jirrizulta bic-car li r-rikorrenti qeghdin jirrikorru ghal din il-procedura straordinarja fit-tentattiv iddisprat taghhom sabiex ikollhom il-kaz taghhom rivedut minn Qorti tat-Tielet grad, li kif huwa risaput ma huwiex rikonoxxut u permess fis-sistema guridika taghna.

(III) Illi l-argumenti li qeghdin iressqu r-ritrattandi diga` gew ikkunsidrati bl-iktar mod ampju mill-Ewwel Qorti u minn din il-Qorti. Fil-fatt, ir-rikors promotur mhu xejn ghajr

ripetizzjoni mill-bidu sa l-ahhar tan-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati minnhom.

(VI) Illi b’riferenza ghall-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12, huwa risaput li sabiex ikun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, irid ikun hemm vjolazzjoni manifesta ta’ ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razjoncini jew argumenti (**Aquilina vs Aquilina** Vol. XLII.i.227; **Azzopardi vs Gerada,** Vol. VII.526; **Camilleri vs Bezzina,** Vol. XXIII.i.264; **Wismayer vs Wismayer,** Vol. XXIX.i.795; **Xuereb vs Xuereb,** Qorti ta’ l-Appell fl-20 ta’ Jannar 1992). Ir-ritrattandi argumentaw li *‘l-esponent kien qed jagixxi per conto suo, rebh jew telf ghalih, in forza ta’ operations agreement. Ghalhekk ma gietx applikat il-ligi gusta”.* Dan minghajr ma jsemmu x’inhi l-ligi li kellha tapplika u/jew li naqset li tapplika l-Qorti. Minn qari tas-sentenza jirrizulta li l-Qorti waslet ghal kokluzjoni li l-ftehim li kien hemm bejn l-awtur ta’ l-esponent u r-ritrattandi kien wiehed ta’ mandat, konkluzjoni li waslet ghaliha wara li gharblet u tat interpretazzjoni ghall-provi li tressqu mill-partijiet. Il-principji legali gew applikati b’mod korrett mill-Qort, u dan peress li huwa ben maghruf li ma jezistix il-kuncett ta’ mandat irrevokabbli. Ta’ rilevanza hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Micallef vs George Pavia** (Citaz. Nru: 136/95) fejn inghad: “*gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza – u dan johrog ukoll direttament mil-ligi – illi biex jigi deciz jekk kienx hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi,* ***wiehed ma jistax jezamina mil-gdid il-fatti tal-kawza jew jerga’ jinterpretahom”.*** Huwa car daqs il-kristall li r-ritrattandi qeghdin jippretendu lil din il-Qorti sabiex terga’ tinterpreta l-fatti, ezercizzju li huwa vjetat f’dan l-istadju tal-proceduri.

(V) Illi fir-rigward ta’ l-Artikolu 811(l), dan jaghti lok ghal ritrattazzjoni fejn is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Anke f’dan il-kaz il-gurisprudenza tat interpretazzjoni stretta tal-provvediment tal-ligi. Ritrattazzjon taht dan il-kap ma tregix fejn l-interpetazzjoni tal-fatti hija zbaljata (Qorti ta’ l-Appell – **Fedele Dalli vs Coronato Sare’** deciza fl-20 ta’ Frar, 1996). Dak huwa proprju li qeghdin jippretendu r-ritrattandi fir-rikors taghhom. Fil-kawza fl-ismijiet **Isidoro**

**Agius vs Giuseppi Bugeja** deciza fit-13 ta' Gunju, 1995 mill-Qorti ta' l-Appell inghad: "***jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpetazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni".*** Huwa fatt inkontestat, li l-allegat zball kien punt kontestat bejn il-kontendenti u li gie maqtugh bis-sentenza li r-ritrattandi qeghdin issa jimpunjaw. Ir-ritrattandi m'humiex jaqblu ma' l-interpretazzjoni li tat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza ta' l-14 ta' Jannar, 2002. Pero` tali cirkostanza ma tistax taghti lok ghal ritrattazzjoni fuq il-bazi ta' l-Artikolu 811(l), peress li l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti tal-kawza ma humiex sindakabbli.

(VI) Illi b'riferenza ghall-Artikolu 811(i), ir-ritrattandi naqsu milli jindikaw fejn fis-sentenza li taghha qeghdha tintalab ir-ritrattazzjoni fiha disposizzjonijiet kontra xulxin.

Tant l-esponent ghandu l-unur jissottometti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din il-Qorti.

5.2 Fis-17 ta' Mejju, 2002 ipprezenta r-risposta tieghu r-ritrattat Vincent Zahra (li kien gie ammess li jintervjeni in statu et terminis) u dan, ghar-ragunijiet migjuba f'dik l-istess risposta, qabel li kienet gustifikata t-talba ghar-ritrattazzjoni.

## IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI

6. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li l-esposizzjoni tal-fatti u l-bazi ta' l-azzjoni istitwita mir-ritrattand proprio et nomine kif elaborata fil-parti preliminari ta' din id-decizjoni hija sufficjentement cara u ma hemmx htiega li din il-Qorti tiddilunga aktar taht dan l-aspett. Ghalhekk hija sejra tghaddi mill-ewwel biex tezamina l-lanjanzi tar-ritrattand kif abbinati min-naha tieghu mad-disposizzjonijiet tal-ligi tal-procedura.

7. Il-bazi ghal fini tar-ritrtazzzjoni mitlub fil-kawza in ezami huma s-segwenti:-
(i) Artikolu 811 subinciz (e) tal-Kap. 12;
(ii) Artikolu 811 subinciz (i) tal-Kap. 12;
(iii) Artikolu 811 subinciz (l) tal-Kap. 12;

Il-Qort sejra tezamina l-aggravji tar-ritrattand taht kull wiehed minn dawn is-subinizi ta' l-Artikolu 811 kif immotivati minnu.

(I) Art. 811 (e): jekk is-sentenza applikat il-ligi hazin; fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi; basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat id-decizjoni;

Skond ir-ritrattand proprio et nomine, il-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi zbaljata billi din applikat u ddecidiet il-kawza fuq 'l-istitut tal-mandat' meta fil-fatt kien jirrizulta li dan kien eskluz. Skond ir-ritrattand pro et noe, invece, il-ligi li kellha tigi applikata kienet dik il-parti li tikkoncerna "l-istitut ta' l-obbligazzjonijiet fil-Kodici Civili sa fejn dawn japplikaw ghal 'operations agreement'." Ghalhekk isostni r-ritrattand pro et noe, is-sentenza impunjata jirrizulta li applikat il-ligi hazin. Fl-istess waqt, ir-ritrattand pro et nomine jerga' jiftah is-sottomissjonijiet tieghu fil-mertu billi jaghmel riferenzi estinsivi lejn il-provi akkwiziti sabiex juri kif il-Qorti ta' l-Appell zbaljat meta applikat l-Artikolu 1886 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Ir-ritrattand jargumenta li huwa ma kienx "substitute" fil-hanut de quo. Hu kien jiggestixxi n-negozju fl-interess tieghu u mhux "per conto del principale". In-negozju kien tieghu u dan peress li hu ma kienx qed jagixxi ghan-nom u fl-interess ta' Paul David Gauci.

8. Dwar din il-lanjanza, din il-Qorti tosserva li l-gurisprudenza taghna hija rikka u estensiva hafna taht dan il-kap dwar ir-ritrattazzjoni. Kif gie ritenut anke f'sentenzi ricensjuri bhal dik in re Julian Sammut noe et. vs. Mary sive Marlene Mizzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 2003, li segwiet ohra in re AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici moghtija mill-istess Qorti fis-17 ta' Frar, 2003, u f'diversi decizjonijiet

ohrajn simili, ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni a tenur tas-subinciz (e) ta’ l-Artikolu 811 jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok ohra li kellha proprjament tigi applikata. Biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid u ferm u ferm anqas ma jistghu dawn il-fatti jigu valutati jew interpretati mill-gdid fil-kors tal-procedura tar-ritrattazzjoni. In effett, ir-ritrattand proprio et nomine hekk qieghed jintenta li jaghmel f’din il-kawza. Qieghed jirreferi lejn il-provi akkwiziti, jaghti l-interpretazzjoni tieghu dwarhom, jghid li din l-interpretazzjoni hija differenti minn kif moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell kif esposta fis-sentenza impunjata, u in segwitu qieghed jargumenta li ghaldaqstant giet applikata ligi flok ohra. Il-Qorti ta’ l-Appell li tat is-sentenza impunjata interpretat il-fatti tal-kaz bhala tali li kienu jaqghu taht l-istitut tal-mandat u, konformement ma dan, hekk ukoll ibbazat id-decizjoni taghha. Din il-Qorti hija ghal kollox prekluza milli tiftah il-meritu tal-vertenza a bazi ta’ interpretazzjoni xort’ohra. Kif inghad fil-kawza in re Joseph Micallef vs Geroge Pavia fit-13 ta’ Gunju, 1995, minn din il-Qorti wkoll,

“…. Gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza – u dan johrog ukoll direttament mil-ligi – illi biex jigi deciz jekk kien hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi, wiehed ma jistax jezamina mill-gdid il-fatti tal kawza jew jerga’ jinterpretahom.”

9. Il-Qorti tinnota li meta r-ritrattand jirreferi ghas-subinciz (e) ihalli barra element importanti mir-rekwiziti msemmijin fil-ligi, igifieri dik il-parti li tghid “basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni.” Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dina l-ommissjoni da parti tar-ritrattand proprio et nomine ma kienitx lapsus. Jidher evidenti li thalliet barra volutament ghas-semplici raguni li r-ritrattand pro et nomine qieghed proprju jintenta li bl-azzjoni tieghu huwa “jgieghel” lil din il-Qorti terga’ tikkunsidra l-fatti u tinterpretahom kif jixtieq hu, u differentement minn kif gew interpretati mill-Qorti ta’ l-Appell. Haga li hija projbita mill-ligi tal-procedura. Fost ir-

ragjonamenti li jimmotivaw is-sentenza impunjata, il-Qorti ta’ l-Appell kienet irriteniet hekk:-
“Jibqa pero` inkonfrutabbli l-fatt guridiku li l-aktar li seta’ jippretendi li kien l-appellant (l-odjern ritrattand), skond din l-ahhar skrittura, kienet li gie <u>mahtur</u> mill-aventi kawza ta’ l-appellant proprio et nomine bhala aministratur generali tan-negozju li accetta li jiggestixxi. Amministratur generali li ma jikkonferixxi l-ebda titolu fir-rigward ta’ l-oggett imqieghed taht l-amministrazzjoni tieghu.”

Sa issa r-ritrattand pro et nomine ghadu ma jaqbilx ma’ tali interpretazzjoni. Ghadu jinsisti li din l-interpretazzjoni kienet wahda legalment zbaljata u l-istitut tal-mandat ma kellu x’jaqsam xejn mal-fatti tal-kaz. B’daqshekk pero` r-ritrattand pro et noe xorta wahda m’ghandu l-ebda dritt li jiftah it-trattazzjoni ghal darb’ohra a bazi tas-subinciz (e).

(II) Artikolu 811 (i): <u>jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin.</u>

10. Ir-ritrattand pro et nomine jaghmel ri-analizi “ex parte” tal-fatti tal-kaz u jaghti l-interpretazzjoni tieghu dwarhom, li evidentement ma taqbilx ma’ dik tal-Qorti ta’ l-Appell. Minn din l-analizi “ex parte”, ir-ritrattand pro et nomine jikkonkludi wkoll li minn dak li gie ritenut mill-Qorti ta’ l-Appell ifisser li “huwa impjegat/substitute/amministratur generali fl-istess hin”. Jghid li tali sitwazzjoni multipla mhux biss ma hijiex rikonciljabbli imma addirittura jsejhilha sitwazzjoni “hotchpotch!” (sic). Ghalhekk jghid li hemm incertezza fil-“gudikat tas-sentenza”, hemm zball li jidher mill-atti, hemm disposizzjonijiet kontra xulxin, hemm sentenza vizjata bi zball tali li s-sentenza “ma tistax tigi sanata”.

11. Bir-rispett kollu, sakemm ir-ritrattand pro et nomine ma bediex jaqra xi verzjoni ohra apokrifa tas-sentenza impunjata, is-sentenza in kwistjoni ma tikkontjeni l-ebda zball bhax-xorta imsemmi mir-ritrattand. Ghal kuntrarju, u indipendentement minn jekk taqbel jew ma taqbilx ma’ dak li gie deciz fiha, is-sentenza fiha nfisha m’hemm xejn

zbaljat jew kontradittorju fid-disposizzjonijiet taghha. Il-Qorti ta' l-Appell spjegat kjarament fis-sentenza taghha kif kienet tqis il-posizzjoni ta' l-appellant wara li ezaminat l-iskritturi li gew prodotti mill-partijiet. Il-posizzjoni taghha kienet wahda netta pero` mhux kontradittorja kif jippretendi r-ritrattand. Mhux bizzejjed ghar-ritrattand li jasserixxi li skond l-interpretazzjoni tieghu, kien hemm kontradizzjoni bejn fatt u iehor kif mistharrga mill-Qorti ta' l-Appell. Kif inghad fil-kawza in re Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et (Koll. Vol LXXX – 11 – 188) moghtija minn din il-Qorti;

"Din il-kontradizzjoni trid tirrizulta pero` fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni."

Il-Qorti ezaminat is-sentenza u ma rriskuntrat ebda dispozizzjonijiet fiha "li ma jkunux jistghu jigu esegwiti kollha" (ara d-decizjoni in re Camilleri vs Bezzina, Koll. Vol XLIII – 1 – 264).

(III) Artikolu 811 (l): jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti mid-dokumenti tal-kawza;

12. Il-ligi taghna tghid espressament x'tip ta' zball huwa kkontemplat taht dan is-subinciz. Di fatti hemm proviso li jghid hekk,

"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hekk dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt, li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz-il wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."

13. Biex jiggustifika dan l-aggravju, ir-ritrattand jerga' jidhol f'indagni tal-fatti. Huwa juri n-nuqqas ta' qbil tieghu mad-decide b'mistoqsijiet bhas-segwenti:

"Kif setghet is-sentenza attakkata tghid 'illi l-proprjeta` tan-negozju baqghet tal-mandant meta n-negozju kien ta' l-

esponent u l-mandant' kellu biss pagament annwali ta' Lm1,500?"

Jghid u jikkonkludi li bir-ragjonamenti zbaljati li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell, din "kienet qeghdha tattribwixxi pretensjonijiet lill-esponent li huwa qatt ma ppretenda u li qatt ma ssemmew minnu f'din il-kawza".

14. Jidher aktar minn evidenti li l-punti mqanqla mir-ritrattand bhala motivazzjoni taht is-subinciz (l) kienu kollha kemm huma punti ta' kontestazzjoni li l-Qorti ta' l-Appell dahlet fihom u ddecidiet dwarhom. Kif gie ritenut in re Isidoro Agius vs Giuseppe Bugeja deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Gunju, 1995 (li segwit numru kbir ta' decizjonijiet simili),
"jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni impunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni."

Illi ghalhekk huwa car li ebda wiehed mis-subincizi ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 invokati mir-ritrattand proprio et nomine ma japplika ghal dan il-kaz.

15. Apparti dak li ntqal supra, tajjeb fl-ahharnett li jigi osservat li kif gie ritenut in re Bencini vs Zammit Pace (Koll. Vol LXXX – II – 391),
"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostiwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massma res iudicata pro veritate habetur. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih

tribunal tat-tielet istanza li mhux permess mil-ligi.” (ara wkoll Causon vs Portelli, Koll. Vol. LXXX – II – 464)

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tirrespingi t-talba ghar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Jannar, 2002, kif intalab fir-rikors tar-ritrattazzjoni, u konsegwentement, tirrespingi wkoll it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza kif hemm mitlub.

L-ispejjez kollha gudizzjarji jkunu a karigu tar-ritrattand proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------